# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2020**

**Rikors Numru 559/20 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dottor Joseph Camilleri (K.I 384279M) bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera reġistrata fil-Ġermanja Hempel (Germany) GmbH bin-numru ta' reġistrazzjoni HRB 2390**

**Vs.**

**M/V Andes (IMO No: 9399739)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 9 ta' Lulju 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti nomine talab is-segwenti:

    1. *Illi l-bastiment konvenut M/V Andes, hekk kif irrapreżentat mill-aġent awtorizzat biex jaġixxi għas-sidien tal-bastiment konvenut, ordna mingħand is-soċjeta' attriċi, li hija distributur internazzjonali taż-żebgħa, għadd konsenji ta' żebgħa u prodotti relatati li ġew kunsinnati lill-bastiment għall-prezz totali ta' mija u tmienja u tletin elf, tlett mija u ħamsa u tletin Dollaru Amerikani u għoxrin ċenteżmu (USD 138,335.20) ekwivalenti għal mija u ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u erba' u ħamsin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€125,354.11);*

    2. *Illi l-bastiment konvenut kellhu l-obbligu li jħallas lis-soċjeta' attriċi fil-ħin għal dawn il-konsenji ta' żebgħa u prodotti relatati, għal-liema konsenji s-soċjeta' attriċi ħarġet numru ta' fatturi (kopji annessi u mmarkati Dok HG1 sa Dok HG4) li flimkien jammontaw għas-somma suċitata ta' mija u tmienja u tletin elf, tlett mija u ħamsa u tletin Dollaru Amerikani*

*u għoxrin ċenteżmu (USD 138,335.20) ekwivalenti għal mija u ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u erba' u ħamsin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€125,354.11) skont kif indikat fuq il-fatturi stess;*

3. *Illi madanakollu, l-bastiment konvenut naqas milli jħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammonti indikati f'dawn il-fatturi, u dan mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi;*

4. *Illi in vista ta' dan, il-bastiment konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' mija u tmienja u tletin elf, tlett mija u ħamsa u tletin Dollaru Amerikani u għoxrin ċenteżmu (USD 138,335.20) ekwivalenti għal mija u ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u erba' u ħamsin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€125,354.11)* (statement of account *anness u mmarkat Dok HG5), u dan kif jirriżulta biċ-ċar mid-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors ġuramentat;*

5. *Illi dan l-ammont ta' mija u tmienja u tletin elf, tlett mija u ħamsa u tletin Dollaru Amerikani u għoxrin ċenteżmu (USD 138,335.20) ekwivalenti għal mija u ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u erba' u ħamsin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€125,354.11) huwa ċert, likwidu u dovut;*

6. *Illi sa fejn taf is-soċjeta' attriċi, l-bastiment konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'iressaq kontra t-talbiet tal-istess soċjeta' attriċi u għalhekk jeżistu r-raġunijiet kollha skont il- liġi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipproċedi għad-deċiżjoni bid-dispensa tas- smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*GĦALDAQSTANT, is-soċjeta' attriċi titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet fuq premessi:*

(i) *Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

(ii) *Tiddikjara li l-bastiment konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' mija u ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u erba' u ħamsin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€125,354.11);*

(iii) *Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u erba' u ħamsin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€125,354.11);*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dovut sal-jum tal-pagament effettiv, kontra* 1*-bastiment konvenut li huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi, fis-27 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' Malta Shipping Agencies Limited ġiet notifikata bl-atti bħala Aġent tal-Bastiment M/V Andes.

3. Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2020, meta ssejħet il-kawża, ma deher ħadd in rappreżentanza tal-bastiment M/V Andes.

4. Rat illi fl-istess seduta tal-25 ta' Settembru 2020, Dr Joseph Camilleri għarraf lill-Qorti illi s-soċjeta' Malta Shipping Agencies Limited hija l-Aġent tal-Bastiment M/V Andes

u ġia' rċeviet atti in konnessjoni ma' proċeduri oħra fil-Qorti, u għalhekk in-notifika għandha titqies bħala valida.

5. Rat illi l-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tqis in-notifika bħala waħda valida, in vista tad-dikjarazzjoni magħmula.

6. Semgħet lir-rikorrent nomine Dr Joseph Camilleri jikkonferma illi l-ammont għadu dovut u ma hemm ebda bażi ta' kontestazzjoni da' parte tal-bastiment M/V Andes.

**In vista ta' dan, il-Qorti**,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, għalhekk;

**Tiddikjara** li l-bastiment konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' mija u ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u erba' u ħamsin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€125,354.11);

**Tikkundanna** lill-bastiment konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u erba' u ħamsin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€125,354.11);

**Bl-ispejjeż** u bl-imgħax legali dovut sal-jum tal-pagament effettiv, kontra 1-bastiment konvenut.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**